26 ta' Novembru, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Nazareno Gatt *versus* Joseph Zarb Cousin ne.**

## Bejgħ — Merkanzija ta' Kwalità Diversa Minn Dik Miftehma — Kampjun.

*Meta l-bejgħ sar bil-patt li l-merkanzija għandha jkollha ċerti kwalitajiet, u l-merkanzija, għalkemm konformi mal-kampjun, ma jkollhiex dawk il-kwalitajiet determinati deskritti fil-ftehim, ix-xerrej għandu d-dritt li jirrifjutaha. U jekk fil-ftehim, jiġi stabbilit żmien li fih il-kumpratur jista' jirreklama, ix-xerrej jista' jipprotesta anki wara li jagħlaq dak iż-żmien jekk id-difett fil-merkanzija ma setax jinduna bih qabel spaċċja l-merkanzija.*

*Meta l-venditur jassikura li l-merkanzija hija ta' ċerti kwalitajiet, dawn il-kwalitajiet għandhom jirrikorru fil-merkanzija avvolja jkun hemm il-kampjun.*

*Il-venditur għandu d-dritt kollu jfaħħar il-merkanzija tiegħu, però mhux sal-limiti li x-xerrej jiġi ngannat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta li l-imsemmi Camilleri begħlu tnax-il tużżana qliezet tal-għawm tas-suf prima kwalità u fini ħafna, u li huwa sab li dawn il-qliezet ma numiex tal-kwalità promessa u għalhekk huwa. b'ċedola tal-5 ta' Settembru 1946, iddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti, u talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija l-bejgħ li sar bejnu u bejn Emmanuele Camilleri, tal-qliezet fuq imsemmija, jiġi dikjarat riżolut, u jekk hemm bżonn jiġi dikjarat validu d-depożitu tal-qliezet in kwistjoni li sar biċ-ċedola fuq imsemmija tal-5 ta' Settembru 1946. Bl-ispejjeż, komprizi dawk taċ-ċedola fuq imsemmija; salva kwalunkwe azzjoni għad-danni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, tat-8 ta' Ġunju 1948, fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-perenzjoni tal-kawża u laqgħet it-talbiet bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi rriżulta li l-attur xtara tliet kwalitajiet ta' qliezet tal-għawm minn għand il-konvenut, u fuq partita minnhom ma nqalgħet ebda kwistjoni bejn il-partijiet; iżda fuq iż-żewġ partiti l-oħrajn, li kienu ġew ordnati kontemporaneament f'daqqa, inqalgħet il-kawża tal-lum, għax l-attur ippretenda li l-qliezet ma nstabux tal-kwalità miftehma u mwegħda mill-konvenut. Dawn il-qliezet il-konvenut importahom bħala nofs il-partita........... u l-attur xehed li l-konvenut kien assigurah li l-qliezet kellhom ikunu tas-suf; illi dan ma ġiex miċħud mill-konvenut........... Għalhekk, għalkemm fil-kopja kummissjoni ma jingħadx espressament li l-qliezet kellhom ikunu tas-suf, il-versjoni ta' l-attur, illi fil-waqt li l-konvenut urieh il-kampjun bħala tip qallu wkoll li l-qliezet kienu tas-suf u l-attur xtrahom bħala tas-suf, hija iżjed aċċettabili;

Illi fil-fatt irriżulta li l-qliezet tal-bobolan ma fihom ebda perċentwali ta' suf...........; l-attur intebah li kien ġie mqarraq xi ħamest ijiem fuq li rċieva l-merkanzija, meta xi parruċċani tiegħu, li kienu xtraw minn dawn il-qliezet, marru jirreklamaw għandu li l-qliezet mal-kuntatt tal-baħar mill-ewwel sformaw ruħhom; u allura l-attur għamel il-protest tiegħu lir-rappreżentant tal-konvenut, peress li allura l-konvenut kien jinsab imsiefer, u nsista li l-konvenut jieħu l-merkanzija lura; u wara ddepożitaha;

Kif ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati ta' Malta, meta fil-bejgħ tkun ġiet pattwita kwalità determinata tal-merċi, jekk il-merċi, għalkemm konformi għall-kampjun ma tkunx tal-kwalità deskritta fil-ftehim, ix-xerrej għandu d-dritt kollu li jirrifjuta dik il-merkanzija (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kummerċjali tat-18 ta' Frar 1924, in re "Felice Busuttil vs. Luigi Micallef et.", u s-sentenzi fiha ċitati—Vol. XXV-1-1011);

Illi fuq l-eċċezzjoni li l-azzjoni ta' l-attur hija perenta, għax fil-qiegħ tal-kopja kummissjoni hemm stampata l-klawsola "No claims can be recognised unless made within two days from delivery of goods", irriżulta li meta saret l-ordinazzjoni ma nkitbetx dak il-ħin l-ordni tal-kummissjoni, li nkitbet wara mill-iskrivan tal-konvenut fl-uffiċċju tiegħu fuq istruzzjoni tiegħu stess;

Illi fil-ftehim dik il-klawsola ma ssemmiet xejn, u għalhekk għandha tingħadd bħala aġġunta magħmula unilateralment mill-konvenut wara li kien konkjuż in-negozju. Li kieku l-konvenut ried jissubordina l-operazzjoni għal dik il-klawsola stampata fil-qiegħ tal-kopja kummissjoni, messu għamel rikjam speċjali u espress għaliha fil-kopja kummissjoni li in segwitu bagħat lill-attur. Il-bona fede rikjesta mill-liġi fl-osservanza tal-kuntratti ma tippermettix sorpriżi simili;

Illi għaldaqstant dik il-klawsola lill-attur ma kienetx torbtu;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u d-domandi ta' l-attur ikunu respinti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami ta' l-appellanti huma :— (1) Illi r-reklam sar wara li għalaq iż-żmien; (2) illi sibordinatament l-appellat xtara fuq kampjun; (3) illi l-bejgħ kien ta' żewġ partiti indipendenti waħda mill-oħra;

Fuq l-ewwel kwistjoni, illi ż-żmien kien għalaq, barra mir-raġunijiet miġjuba mill-Ewwel Qorti, li huma adottati, għaliex il-kuntratti għandhom isiru bil-bona fede kollha, li hija l-bażi tal-kummerċ, għandu jingħad ukoll illi anki kieku l-appellat kien vinkolat b'dak it-terminu, iżda huwa ma setax jipprotesta qabel ma għalaq dak iż-żmien, preċiżament għaliex dan kien difett fil-kwalità, illi seta' jinduna bih l-appellat meta spaċċja l-merkanzija;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, illi l-bejgħ sar fuq kampjun, din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ritenut fl-ewwel sentenza, għaliex għalkemm ikun hemm il-kampjun, iżda meta l-venditur jassigura lill-kumpratur illi l-merkanzija hija ta' kwalità fina, u ta' suf, allura raġjonevolment għandha jkollha dawk il-kwalitajiet, għaliex diversament, għalkemm ikun hemm il-kampjun, il-kumpratur ikun qiegħed jiġi ngannat illi dak il-kam-

pjun huwa ta' kwalità li ma fihx. Ma hemmx bżonn illi l-kumpratur, qabel ma jixtri, jagħmel l-esperimenti li saru f'din il-kawża biex jara hemmx realment dik il-kwalità, għaliex il-kummerċ għandu l-bażi tiegħu l-fiduċja ta' wieħed versu l-ieħor. Il-venditur huwa padrun ifaħħar il-merkanzija tiegħu, imma sal-limiti illi l-kumpratur ma jiġix ingannat, u għalhekk meta jgħidlu illi dak il-kampjun fih suf, il-kumpratur għandu d-dritt kollu jeżiġi dik il-kwalità li ġiet eskluża mill-perizja analitika;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tielet kwistjoni, veru huwa illi l-partiti għandhom jittieħdu separatament, iżda mill-perizja fuq imsemmija rriżulta ċar illi tant waħda kemm l-oħra mill-partiti ma humiex tal-kwalità konvenuta;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut, u għalhekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-8 ta' Ġunju 1948, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.